Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 13 ta' Ottubru 2021
(OR. en)

12831/21

**Fajl Interistituzzjonali:**
**2021/0324(NLE)**

FISC 164
ECOFIN 973
ENER 425
TRANS 600

**PROPOSTA**

| | |
|---|---|
| minn: | Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur |
| data meta waslet: | 13 ta' Ottubru 2021 |
| lil: | Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea |
| Nru dok. Cion: | COM(2021) 630 final |
| Suġġett: | Proposta għal DEĊIŻJONI TA’ IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL li tawtorizza lill-Italja tapplika rata mnaqqsa ta’ tassazzjoni fuq l-elettriku pprovdut direttament lil bastimenti, appart mill-opri tal-baħar għar-rikreazzjoni, rmiġġati f’port [skont l-Artikolu 19 tad-Direttiva 2003/96/KE] |

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż id-dokument COM(2021) 630 final.

---

Mehmuż: COM(2021) 630 final

IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 13.10.2021
COM(2021) 630 final

2021/0324 (NLE)

Proposta għal

# DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL

**li tawtorizza lill-Italja tapplika rata mnaqqsa ta' tassazzjoni fuq l-elettriku pprovdut direttament lil bastimenti, appart mill-opri tal-baħar għar-rikreazzjoni, rmiġġati f'port [skont l-Artikolu 19 tad-Direttiva 2003/96/KE]**

MT MT

## MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

### 1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

### • Raġunijiet u objettivi tal-proposta

Fl-Unjoni, it-tassazzjoni fuq il-prodotti tal-enerġija u fuq l-elettriku hija regolata bid-Direttiva tal-Kunsill 2003/96/KE tas-27 ta' Ottubru 2003 li tirriforma l-istruttura tal-Komunità dwar tassazzjoni fuq prodotti ta' enerġija u elettriku[1] ("id-Direttiva dwar it-Tassazzjoni fuq l-Enerġija" jew "id-Direttiva").

Skont l-Artikolu 19(1) tad-Direttiva, flimkien mad-dispożizzjonijiet stabbiliti b'mod partikolari fl-Artikoli 5, 15 u 17 tagħha, il-Kunsill, filwaqt li jaġixxi b'mod unanimu fuq proposta tal-Kummissjoni, jista' jawtorizza li kwalunkwe Stat Membru jintroduċi aktar eżenzjonijiet jew tnaqqis fil-livell ta' tassazzjoni għal konsiderazzjonijiet speċifiċi ta' politika.

L-Italja talbet li tiġi awtorizzata tapplika rata mnaqqsa għall-provvista tal-elettriku mill-art lil bastimenti rmiġġati f'port mgħammar b'installazzjonijiet elettriċi b'kapaċità installata nominali ta' aktar minn 35 kW, għal perjodu ta' sitt snin. L-għan ta' din il-proposta huwa li dik l-awtorizzazzjoni tingħata permezz ta' deroga valida, kif mitlub, għal sitt snin mit-18 ta' Ottubru.

Permezz ta' ittra datata l-14 ta' Settembru 2020, l-awtoritajiet Taljani infurmaw lill-Kummissjoni bl-intenzjoni tagħhom li japplikaw il-miżura. Informazzjoni addizzjonali ġiet ipprovduta fit-12 ta' Mejju 2021.

L-Italja qed titlob awtorizzazzjoni biex tapplika rata ta' taxxa mnaqqsa ta' EUR 0.50/MWh, ugwali għar-rata minima ta' tassazzjoni għall-elettriku għall-użu kummerċjali kif stabbilit fid-Direttiva, għall-provvista tal-elettriku mill-art lil bastimenti rmiġġati f'port mgħammar b'installazzjonijiet elettriċi b'kapaċità installata nominali ta' aktar minn 35 kW.

Il-perjodu ta' validità mitlub huwa ta' sitt snin, li huwa fi ħdan il-perjodu massimu permess mill-Artikolu 19 tad-Direttiva dwar it-Tassazzjoni tal-Enerġija.

Bil-miżura mitluba l-Italja trid tagħti inċentiv għall-użu tal-elettriku mill-art li huwa meqjus bħala alternattiva li tniġġes inqas mill-ġenerazzjoni tal-elettriku abbord bastimenti rmiġġati f'port. Kif indikat fit-talba, ir-rata mnaqqsa għall-benefiċjarji se tkun ta' EUR 0.50/MWh. Dik hija r-rata minima għall-elettriku kif speċifikat fl-Artikolu 10(1) u t-Tabella C tal-Anness I tad-Direttiva). Minħabba l-istruttura digressiva tat-taxxa fuq l-enerġija, il-vantaġġ relattiv se jkun ogħla għall-operaturi (u l-utenti) ta' installazzjonijiet b'konsum relattivament baxx.

Min-naħa l-oħra, skont l-Artikolu 14(1)(c) tad-Direttiva dwar it-Tassazzjoni fuq l-Enerġija, l-Istati Membri jeħtieġu jeżentaw il-prodotti tal-enerġija użati għall-produzzjoni tal-elettriku u l-elettriku prodott abbord il-bastimenti rmiġġati fil-portijiet. L-eżenzjoni tista' tapplika wkoll fil-każ ta' prodotti tal-enerġija użati għall-produzzjoni tal-elettriku u l-elettriku — abbord vapuri għan-navigazzjoni fuq passaġġi tal-ilma interni skont l-Artikolu 15(1)(f) tad-Direttiva. L-Italja kkonfermat it-traspożizzjoni ta' din l-aħħar eżenzjoni fakultattiva.

Kif indikat fit-talba, l-elettrifikazzjoni tal-mollijiet portwarji bħalissa mhijiex mifruxa fl-Italja u, għalhekk, l-implimentazzjoni tat-tnaqqis tat-taxxa ma għandux ikollha effetti finanzjarji fuq

[1] ĠU L 283, 31.10.2003, p. 51–70.

terminu qasir. L-awtoritajiet Taljani ma setgħux jagħmlu stima tan-numru ta' benefiċjarji tal-miżura ex ante u, għalhekk, ma setgħux jipprovdu n-nefqa baġitarja annwali.

L-awtoritajiet Taljani indikaw li t-tnaqqis fit-taxxa japplika għall-bastimenti kollha rmiġġati f'port mgħammar b'installazzjonijiet elettriċi b'kapaċità installata nominali ta' aktar minn 35 kW minbarra dgħajjes privati għad-divertiment, li jfisser li l-bastimenti kollha involuti fin-navigazzjoni kummerċjali, irrispettivament mid-daqs jew il-bandiera, jistgħu jibbenefikaw mit-tnaqqis fit-taxxa.

Ir-raġuni li għaliha l-portata tal-miżura inkwistjoni ġiet limitata għall-bastimenti mgħammra b'sistemi elettriċi b'kapaċità installata nominali ta' iktar minn 35 kilowatt hija marbuta mill-qrib mal-għan ambjentali segwit. L-awtoritajiet Taljani jassumu li l-bastimenti b'sistemi elettriċi b'kapaċità nominali baxxa, filwaqt li fil-portijiet, normalment jirrikorru għall-elettriku pprovdut direttament minn installazzjonijiet tal-art lil bastimenti rmiġġati f'port ("elettriku mill-art") u mhux għal ġeneraturi elettriċi awtonomi permezz tal-magni tal-kombustjoni interna tagħhom stess. Għalhekk, bastimenti b'kapaċità nominali ta' inqas minn 35 kW li jinsabu rmiġġati fil-portijiet ma jikkontribwixxux għat-tniġġis. Ir-raġuni għall-indirizzar tal-miżura fiskali inkwistjoni għal bastimenti b'sistemi elettriċi akbar li normalment iżommu l-ġeneraturi elettriċi tagħhom stess li jaħdmu bil-fjuwils fossili hija fil-fatt li tħeġġiġhom jużaw, matul l-irmiġġ tagħhom, l-elettriku pprovdut minn installazzjonijiet max-xatt.

Il-miżura mhijiex disponibbli għal negozji f'diffikultajiet finanzjarji, jew negozji li huma soġġetti għal ordnijiet ta' rkupru abbażi ta' deċiżjoni preċedenti tal-Kummissjoni li tiddikjara li miżura ta' għajnuna hija illegali u inkompatibbli mas-suq intern.

Bit-tnaqqis fit-taxxa, l-Italja trid tagħti inċentiv biex l-operaturi rilevanti jiżviluppaw u jużaw l-elettriku mix-xatt sabiex jitnaqqsu l-emissjonijiet u l-ħsejjes fl-ajru mill-kombustjoni tal-karburanti minn bastimenti rmiġġati kif ukoll emissjonijiet tas-CO2. L-applikazzjoni ta' rata ta' taxxa mnaqqsa għandha ssaħħaħ il-kompetittività tal-elettriku mill-art meta mqabbla mal-konsum ta' karburanti tal-bastimenti abbord, li huwa eżentat mit-taxxa.

- **Konsistenza mad-dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam ta' politika**

It-taxxa fuq l-elettriku hija regolata mid-Direttiva dwar it-Tassazzjoni fuq l-Enerġija 2003/96/KE, b'mod partikolari l-Artikolu 10. L-Artikolu 14(1)(c) jipprevedi eżenzjoni ta' taxxa obbligatorja fuq il-prodotti tal-enerġija għat-tbaħħir kif ukoll għall-elettriku li hu prodott abbord inġenju. L-Artikoli 5, 15 u 17 jipprevedu l-possibbiltà li l-Istati Membri japplikaw rati differenti ta' taxxa, inkluż eżenzjonijiet u tnaqqis, għal ċerti użi tal-elettriku. Madankollu, effettivament dawn id-dispożizzjonijiet ma jipprevedux tnaqqis fit-tassazzjoni għall-elettriku mix-xatt.

*Dispożizzjonijiet fid-Direttiva dwar it-Tassazzjoni fuq l-Enerġija*

L-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 19(1) tad-Direttiva jaqra kif ġej:

*Flimkien ma' dawn id-dispożizzjonijiet imsemmija fl-Artikoli ta' qabel, b'mod partikolari l-Artikolu 5, 15 u 17, il-Kunsill, li jaġixxi b'mod unanimu fuq xi proposta tal-Kummissjoni, jista' jawtorizza lil kwalunkwe Stat Membru biex jintroduċi iktar eżenzjonijiet u tnaqqis għall-konsiderazzjonijiet politiki speċifiċi.*

Permezz ta' dan it-tnaqqis fit-taxxa, l-awtoritajiet tan-Netherlands qed isegwu l-għan li jippromwovu mod li jagħmel inqas ħsara lill-ambjent sabiex il-bastimenti jissodisfaw il-

ħtiġijiet tagħhom tal-elettriku waqt li jkunu rmiġġati fil-portijiet u għalhekk itejbu l-kwalità tal-arja lokali u jnaqqsu l-istorbju. Il-Kummissjoni diġà rrakkomandat l-użu tal-elettriku mix-xatt bħala alternattiva għall-ġenerazzjoni tal-elettriku abbord il-bastimenti rmiġġati u b'hekk irrikonoxxiet il-vantaġġi ambjentali tiegħu[2]. B'riżultat ta' dan, il-benefiċjarji jiġu ċċarġjati bir-rata ta' taxxa minima tal-UE fuq l-elettriku skont id-Direttiva dwar it-Tassazzjoni fuq l-Enerġija, li hija EUR 0,50/MWh u dan għalhekk jista' jikkontribwixxi għall-objettivi tal-politika ddikjarati.

Il-possibbiltà ta' introduzzjoni ta' trattament favorevoli ta' taxxa fuq l-elettriku mix-xatt tista' tkun prevista skont l-Artikolu 19 tad-Direttiva minħabba li l-iskop tagħha huwa li tippermetti lill-Istati Membri jintroduċu aktar eżenzjonijiet u tnaqqis għal konsiderazzjonijiet speċifiċi ta' politika.

L-Italja talbet li l-miżura jenħtieġ li tapplika għall-perjodu massimu permess mill-Artikolu 19(2) tad-Direttiva (jiġifieri 6 snin). Fil-prinċipju, il-perjodu ta' applikazzjoni tad-deroga għandu jkun twil biżżejjed sabiex ma jaqtax qalb l-operaturi tal-portijiet u l-fornituri tal-elettriku milli jibdew jew milli jkomplu jagħmlu l-investimenti neċessarji f'faċilitajiet tal-elettriku mix-xatt. Dan il-perjodu se jipprovdi l-massimu possibbli ta' ċertezza legali anki għall-operaturi tal-bastimenti, li jridu jippjanaw l-investimenti tagħhom f'tagħmir abbord.

Madankollu, jenħtieġ li d-deroga ma ddgħajjifx l-iżviluppi fil-ġejjieni tal-qafas legali eżistenti u jenħtieġ li tqis ir-reviżjoni li jmiss tad-Direttiva dwar it-Tassazzjoni fuq l-Enerġija u adozzjoni possibbli mill-Kunsill ta' att legali bbażat fuq il-proposta tal-Kummissjoni għal emenda tad-Direttiva dwar it-Tassazzjoni fuq l-Enerġija ppubblikata fl-14 ta' Lulju 2021[3].

F'dawn iċ-ċirkostanzi, filwaqt li jidher xieraq li tingħata l-awtorizzazzjoni għall-perjodu mitlub, id-duratura tal-validità tad-deroga tista' tkun iqsar minn dak li ġiet mitlub jekk id-dħul fis-seħħ tad-dispożizzjonijiet ġenerali fil-kwistjoni jsiru qabel.

*Regoli dwar l-għajnuna mill-Istat*

Ir-rata ta' taxxa mnaqqsa ta' EUR 0,50 għal kull MWh prevista mill-awtoritajiet tan-Netherlands hija ugwali għal-livell minimu ta' tassazzjoni tal-UE għal elettriku għall-użu kummerċjali skont l-Artikolu 10 tad-Direttiva 2003/96/KE.

B'hekk il-miżura jidher li taqa' taħt l-Artikolu 44 tar-Regolament tal-Kummissjoni 651/2014/UE (GBER), li jistipula l-kundizzjonijiet li bihom l-għajnuna fil-forma ta' tnaqqis fit-taxxi ambjentali skont id-Direttiva 2003/96/KE tista' tiġi eżentata mir-rekwiżiti ta' notifika tal-għajnuna mill-Istat. Madankollu, ma jistax jiġi stabbilit f'dan l-istadju jekk il-kundizzjonijiet kollha stabbiliti f'dan ir-Regolament humiex issodisfati u jekk il-proposta għal Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tippreġudikax l-obbligu tal-Istat Membru li jiżgura l-konformità mar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat, b'mod partikolari, f'każ ta' għajnuna eżentata, li taqa' taħt ir-Regolament tal-Kummissjoni 651/2014/UE[4].

---

2 Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2006/339/KE tat-8 ta' Mejju 2006 dwar il-promozzjoni tal-elettriku mill-art għall-użu mill-bastimenti sorġuti fil-portijiet tal-Komunità (ĠU L 125, 12.5.2006).

3 Proposta għal direttiva tal-kunsill li tirriforma l-istruttura l-qafas tal-Unjoni dwar it-tassazzjoni fuq prodotti tal-enerġija u l-elettriku (riformulazzjoni), 14.7.2021, COM(2021)563 final 2021/0213 (CNS)

4 Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 651/2014 tas-17 ta' Ġunju 2014 li jiddikjara li ċerti kategoriji ta' għajnuna huma kompatibbli mas-suq intern skont l-Artikoli 107 u 108 tat-Trattat (ĠU L 187, 26.6.2014, p. 1).

- **Konsistenza ma' politiki oħra tal-Unjoni**

*Politika tal-ambjent u tibdil fil-klima*

Il-miżura mitluba tikkonċerna l-aktar il-politika ambjentali u tat-tibdil fil-klima tal-UE. Safejn tgħin biex jonqos il-konsum ta' karburant tal-bastimenti abbord fil-portijiet, il-miżura fil-fatt se tagħti kontribut lejn l-għan li titjieb il-kwalità tal-arja lokali. Fl-Artikolu 13 tagħha, id-Direttiva 2008/50/KE dwar il-Kwalità tal-Arja Ambjentali[5] tirrikjedi li l-Istati Membri jiżguraw li l-livelli ta' bosta mis-sustanzi li jniġġsu l-arja jinżammu taħt il-valuri limitu, il-valuri fil-mira u standards oħra tal-kwalità tal-arja stabbiliti fid-Direttiva. Dawn l-obbligi jirrikjedu li l-Istati Membri jsibu soluzzjonijiet għal problemi bħall-emissjonijiet mill-vapuri rmiġġati fil-portijiet fejn ikun rilevanti u huwa probabbli li fil-portijiet li għandhom dawn il-problemi, l-użu tal-elettriku mix-xatt huwa mħeġġeġ bħala element tal-istrateġija kumplessiva għall-kwalità tal-arja. L-użu tal-elettriku mix-xatt jitħeġġeġ ukoll fid-Direttiva (UE) 2016/802[6] li tirregola l-kontenut tal-kubrit f'ċerti karburanti likwidi. Dan għandu jikkontribwixxi wkoll għall-konformità mar-rekwiżiti ta' depożiti ta' nitroġenu skont id-Direttiva 92/43/KEE dwar il-konservazzjoni tal-abitat naturali u tal-fawna u l-flora selvaġġa. F'dan ir-rigward, l-awtoritajiet Taljani jistennew li l-emissjonijiet lokali jitnaqqsu bl-użu tal-elettriku mix-xatt.

Il-miżura tħeġġeġ l-użu tal-elettriku mill-art biex tikkontribwixxi għal portijiet sostenibbli u t-tbaħħir sostenibbli. Hija konformi mal-ambizzjonijiet tal-politika tal-UE. L-użu tal-elettriku mill-art fil-portijiet Ewropej huwa waħda mill-miżuri proposti biex jintlaħqu l-miri tal-ambizzjonijiet stabbiliti fil-Patt Ekoloġiku Ewropew.

Il-miżura jaf twassal ukoll għal tnaqqis tal-emissjonijiet tas-CO2 sal-punt li t-taħlita tal-elettriku mill-grilja fuq l-art, tuża inqas karbonju mill-elettriku ġġenerat abbord permezz tal-ħruq tal-karburanti tal-bastimenti, minħabba li s-sistema hija iktar effiċjenti u jintużaw karburanti differenti.

*Politika dwar l-enerġija*

Il-miżura hija konformi mad-Direttiva 2014/94/UE dwar l-installazzjoni ta' infrastruttura tal-karburanti alternattivi[7], li tindirizza l-kwistjoni tal-installazzjoni ta' faċilitajiet tal-provvista tal-elettriku mix-xatt f'portijiet fejn hemm domanda għal tali faċilitajiet u l-kostijiet mhumiex sproporzjonati meta mqabbla mal-benefiċċji, inklużi l-benefiċċji ambjentali. Ġiet rikonoxxuta wkoll bħala objettiv ta' interess komuni għall-għoti tal-għajnuna mill-Istat skont l-Artikolu 107(1) tat-TFUE[8].

Ta' min ifakkar hawnhekk li l-pożizzjoni kompetittiva tal-elettriku mix-xatt mhijiex favorevoli minħabba r-raġuni importanti li l-alternattiva, jiġifieri l-elettriku prodott abbord il-bastimenti f'portijiet marittimi, attwalment tgawdi minn eżenzjoni tat-taxxa netta sħiħa. Mhux talli l-karburant tal-bastimenti li jinħaraq biex jiġġenera l-elettriku huwa eżentat mit-tassazzjoni, li jikkorrispondi għal sitwazzjoni normali skont l-Artikolu 14(1)(a) tad-Direttiva 2003/96/KE, talli l-elettriku nnifsu prodott abbord il-bastimenti huwa eżentat ukoll (ara l-

[5] Id-Direttiva 2008/50/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Mejju 2008 dwar il-kwalità tal-arja fl-ambjent u arja iktar nadifa għall-Ewropa (ĠU L 152, 11.6.2008, p. 1).

[6] Id-Direttiva (UE) 2016/802 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Mejju 2016 dwar tnaqqis tal-kontenut tal-kubrit f'ċerti karburanti likwidi (ĠU L 132, 21.5.2016, p. 58).

[7] Id-Direttiva 2014/94/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ottubru 2014 dwar l-installazzjoni ta' infrastruttura tal-karburanti alternattivi (ĠU L 307, 28.10.2014, p. 1)

[8] C(2014) 2231 final tad-9 ta' April 2014.

Artikolu 14(1)(c) tad-Direttiva 2003/96/KE). Minkejja li l-eżenzjoni tal-aħħar tista' fiha nnifisha titqies diffiċli biex tiġi rrikonċiljata mal-objettivi ambjentali tal-Unjoni, din tirrifletti kunsiderazzjonijiet ta' fattibbiltà. Fil-fatt, it-tassazzjoni fuq l-elettriku ġġenerat abbord tkun teħtieġ dikjarazzjoni mingħand sid il-bastiment - ħafna drabi stabbilit f'pajjiż terz - jew mingħand l-operatur fir-rigward tal-ammont ta' elettriku kkunsmat. Id-dikjarazzjoni trid tiddetermina wkoll dak il-porzjon tal-elettriku kkunsmat fl-ibħra territorjali tal-Istat Membru fejn tkun dovuta t-taxxa. Dan joħloq piż amministrattiv enormi għas-sidien tal-bastimenti biex jagħmlu tali dikjarazzjonijiet għall-ibħra territorjali ta' kull Stat Membru kkonċernat. Kunsiderazzjonijiet analogi japplikaw għan-navigazzjoni interna u għat-trattament fakultattiv tat-taxxa pprovdut mill-Artikolu 15(1)(f) tad-Direttiva (attwalment implimentat mill-Italja). F'dawn iċ-ċirkostanzi, jista' jiġi ġġustifikat li ma tiġix ippenalizzata l-alternattiva li tniġġes inqas tal-elettriku mix-xatt billi l-Italja titħalla tapplika rata mnaqqsa ta' tassazzjoni.

*Politika dwar it-trasport*

Il-miżura hija konformi mar-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2006/339/KE dwar il-promozzjoni tal-elettriku mill-art għall-użu mill-bastimenti sorġuti fil-portijiet tal-Unjoni[9] u mal-iskopijiet strateġiċi u mar-rakkomandazzjonijiet għall-politika tat-trasport marittimu tal-UE f'Komunikazzjoni mill-Kummissjoni[10].

*Suq intern u kompetizzjoni ġusta*

Mill-perspettiva tas-suq intern u l-kompetizzjoni ġusta, il-miżura tnaqqas biss id-distorsjoni li teżisti fit-taxxa bejn żewġ sorsi tal-elettriku f'kompetizzjoni bejniethom għad-dgħajjes rmiġġati, jiġifieri l-ġenerazzjoni abbord u l-elettriku mix-xatt, ikkawżata mill-eżenzjoni tat-taxxa għall-karburanti tal-bastimenti.

Fir-rigward tal-kompetizzjoni bejn l-operaturi tal-bastimenti, l-ewwel nett għandu jissemma li skont l-awtoritajiet Taljani bħalissa m'hemmx bastimenti rmiġġati f'port mgħammar b'installazzjonijiet elettriċi b'kapaċità installata nominali ta' aktar minn 35 kW, li jużaw l-elettriku mill-art. Għaldaqstant id-distorsjonijiet sinifikanti fil-kompetizzjoni jistgħu biss jinħolqu bejn bastimenti li jgawdu mill-miżura mitluba billi jaqilbu għall-elettriku mill-art filwaqt li oħrajn jibqgħu jużaw l-iġġenerar abbord. Minkejja li l-projezzjonijiet preċiżi tal-kostijiet jiddependu ħafna minn kif jiżviluppa l-prezz taż-żejt u għalhekk huma diffiċli ħafna, l-aktar valutazzjonijiet reċenti disponibbli jindikaw li kollox ma' kollox anke eżenzjoni sħiħa mit-taxxa f'ħafna mill-każijiet ma tnaqqasx il-kostijiet operattivi għall-elettriku mix-xatt taħt il-kostijiet ta' ġenerazzjoni abbord[11] u għalhekk, fi kwalukwe każ, ma tkunx tirrappreżenta benefiċċju kompetittiv sinifikanti għall-operaturi tal-bastimenti li jużaw l-elettriku mix-xatt meta mqabbel ma' dawk li jużaw il-ġenerazzjoni abbord. F'dan il-każ, wieħed għandu jistenna inqas distorsjoni sinifikanti tat-tip li ssemma' hawn fuq billi l-Italja se tirrispetta l-livell minimu ta' tassazzjoni preskritt bid-Direttiva 2003/96/KE għall-elettriku għall-użu kummerċjali.

---

9 Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2006/339/KE tat-8 ta' Mejju 2006 dwar il-promozzjoni tal-elettriku mill-art għall-użu mill-bastimenti sorġuti fil-portijiet tal-Komunità (ĠU L 125, 12.5.2006)

10 Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni – L-iskopijiet strateġiċi u r-rakkomandazzjonijiet għall-politika tat-trasport marittimu tal-UE sal-2018, COM(2009) 8 final tal-21 ta' Jannar 2009.

11 Ara European Commission Directorate General Environment, Service Contract Ship Emissions: Assignment, Abatement and Market-based Instruments, Task 2a – Shore-Side Electricity, August 2005, http://ec.europa.eu/environment/air/pdf/task2_shoreside.pdf . L-analiżi tal-kostijiet saret għat-tliet portijiet ta' Gothenburg (l-Iżvezja), Juneau u Long Beach (l-Istati Uniti tal-Amerka)

Barra minn hekk, kif diġà ssemma', l-operaturi tal-bastimenti, li jirċievu l-elettriku mix-xatt intaxxat fil-livell minimu previst fid-Direttiva 2003/96/KE, fil-prinċipju ma jibbenefikawx minn vantaġġ ekonomiku fuq l-operaturi li jiġġeneraw l-elettriku tagħhom stess abbord minħabba li dan l-elettriku huwa eżentat mit-tassazzjoni. Skont l-awtoritajiet Taljani, is-sostituzzjoni tal-ġenerazzjoni proprja abbord b'elettriku mix-xatt intaxxat fil-livell minimu applikabbli ma twassalx għal vantaġġ kumplessiv sinifikanti fuq il-kost[12].

Barra minn hekk, aċċess għall-elettriku mix-xatt se jkun disponibbli għall-vapuri kkonċernati, tkun xi tkun il-bandiera li jtajru u bla ma jwassal għal trattament tat-taxxa aktar vantaġġjat ta' operaturi ekonomiċi nazzjonali meta mqabbel ma' dak tal-kompetituri tagħhom minn Stati Membri oħra tal-UE.

Rigward il-kompetizzjoni bejn il-portijiet, huwa mistenni li jitqies negliġibbli kwalunkwe impatt potenzjali li jista' jirriżulta fuq il-kummerċ bejn l-Istati Membri jekk il-bastimenti jbiddlu r-rotot tagħhom minħabba l-possibbiltà ta' konsum ta' elettriku mix-xatt b'rata ta' taxxa mnaqqsa. F'sitwazzjoni fejn, kif iddikjarat hawn fuq, l-użu tal-elettriku mix-xatt x'aktarx ma jkunx, tal-inqas f'termini ta' żmien qasir, iktar ekonomiku mill-ġenerazzjoni abbord minkejja t-tnaqqis fit-taxxa, dan it-tnaqqis fit-taxxa għall-elettriku mix-xatt x'aktarx ukoll li ma joħloqx distorsjoni sinifikanti fil-kompetizzjoni bejn il-portijiet u mhux se jġiegħel il-bastimenti jbiddlu l-itinerarju tagħhom skont id-disponibbiltà ta' din l-alternattiva.

Ir-restrizzjoni li tiġi applikata r-rata mnaqqsa ta' tassazzjoni għall-provvisti tal-elettriku mix-xatt ta' mill-inqas 380 Volt lill-bastimenti tista' titqies bħala distorsjoni tas-suq. Madankollu, fil-prattika ma hemm l-ebda provvista ta' elettriku mix-xatt ta' inqas minn 380 Volt lil bastimenti kummerċjali, l-elettriku ta' dan il-vultaġġ jiġi fornut biss lil inġenji żgħar għad-divertiment.

Sakemm ma jkunx hemm bidliet sinifikanti fil-qafas u fis-sitwazzjoni ta' bħalissa, il-perjodu ta' żmien li għalih qed tiġi proposta l-awtorizzazzjoni biex tiġi applikata rata ta' taxxa mnaqqsa jagħmilha improbabbli li l-analiżi mwettqa fil-paragrafi preċedenti tinbidel qabel id-data tal-iskadenza tal-miżura.

## 2. BAŻI ĠURIDIKA, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ

- **Bażi ġuridika**

L-Artikolu 19 tad-Direttiva tal-Kunsill 2003/96/KE.

- **Sussidjarjetà (għall-kompetenza mhux esklużiva)**

Il-qasam tat-tassazzjoni indiretta kopert mill-Artikolu 113 tat-TFUE fih innifsu ma jaqax taħt il-kompetenza esklużiva tal-Unjoni Ewropea skont it-tifsira tal-Artikolu 3 tat-TFUE.

Madankollu, skont l-Artikolu 19 tad-Direttiva 2003/96/KE, il-Kunsill ingħata kompetenza esklużiva, bħala kwistjoni ta' liġi sekondarja, biex jawtorizza lil Stat Membru jintroduċi aktar eżenzjonijiet jew tnaqqis skont it-tifsira ta' dik id-dispożizzjoni. Għalhekk l-Istati Membri ma jistgħux jieħdu post il-Kunsill. Għaldaqstant, il-prinċipju ta' sussidjarjetà mhuwiex

[12] L-awtoritajiet Taljani li jipprovdu l-eżempju ta' bastiment ta' daqs medju mgħammar b'sistemi elettriċi b'kapaċità installata nominali totali ta' 200 kW: Il-vantaġġ ekonomiku li jirriżulta mill-applikazzjoni tar-rata prevista tad-dazju tas-sisa ta' EUR 0.5 għal kull MWh jammonta — meta titqies ir-rata nazzjonali applikabbli bħalissa u fattur ta' simultanjetà raġonevoli fl-użu tal-elettriku — għal tletin euro biss ikkalkulati b'referenza għal jum sħiħ fl-irmiġġ fil-port

applikabbli għal din id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni. Fi kwalunkwe każ, peress li dan l-att mhuwiex abbozz ta' att leġiżlattiv, jenħtieġ li ma jiġix trażmess lill-Parlamenti nazzjonali skont il-Protokoll Nru 2 tat-Trattati għal valutazzjoni ta' konformità mal-prinċipju ta' sussidjarjetà.

- **Proporzjonalità**

Il-proposta tħares il-prinċipju tal-proporzjonalità. It-tnaqqis tat-taxxa ma jaqbiżx dak li hu meħtieġ biex jinkiseb l-objettiv ikkonċernat.

- **Għażla tal-istrument**

L-istrument propost huwa Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill. L-Artikolu 19 tad-Direttiva 2003/96/KE jipprevedi dan it-tip ta' miżura biss.

## 3. RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET EX POST, TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONI TAL-IMPATT

- **Evalwazzjonijiet ex post/kontrolli tal-idoneità tal-leġiżlazzjoni eżistenti**

Il-miżura ma teħtieġx l-evalwazzjoni tal-leġiżlazzjoni eżistenti.

- **Konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati**

Din il-proposta hija bbażata fuq talba magħmula mill-Italja u tirrigwarda biss lil dan l-Istat Membru.

- **Ġbir u użu tal-għarfien espert**

Ma kienx hemm bżonn ta' għarfien espert estern.

- **Valutazzjoni tal-impatt**

Din il-proposta tikkonċerna awtorizzazzjoni lil Stat Membru individwali fuq talba tiegħu stess u ma teħtieġx valutazzjoni tal-impatt.

L-informazzjoni pprovduta mill-Italja tissuġġerixxi li l-miżura mhux se jkollha impatt fuq id-dħul mit-taxxa fuq medda qasira ta' żmien. Kif imsemmi hawn fuq, l-awtoritajiet Taljani ma setgħux jistmaw l-għadd ta' benefiċjarji. Ir-rata tat-taxxa għall-elettriku mix-xatt xorta waħda se tkun ogħla mil-livell minimu ta' tassazzjoni stabbilit fid-Direttiva 2003/96/KE. L-Italja qed tistenna li l-miżura se jkollha impatt pożittiv fl-ilħuq tal-għanijiet ambjentali u b'mod partikolari dwar it-tnaqqis tal-emissjonijiet, it-titjib tal-kwalità tal-arja lokali fl-ibliet portwali.

- **Idoneità regolatorja u simplifikazzjoni**

Il-miżura ma tipprevedix simplifikazzjoni. Din hija r-riżultat ta' talba li għamlet l-Italja u tikkonċerna biss lil dan l-Istat Membru.

- **Drittijiet fundamentali**

Il-miżura ma tħalli l-ebda impatt fuq id-drittijiet fundamentali.

## 4. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

Il-miżura ma twassal għall-ebda piż finanzjarju jew amministrattiv fuq l-Unjoni. Għalhekk, il-proposta ma għandha l-ebda impatt fuq il-baġit tal-Unjoni.

## 5. ELEMENTI OĦRA

- **Pjanijiet ta' implimentazzjoni u arranġamenti dwar il-monitoraġġ, l-evalwazzjoni u r-rapportar**

L-ebda pjan ta' implimentazzjoni ma huwa neċessarju. Din il-proposta tikkonċerna awtorizzazzjoni għal tnaqqis fit-taxxa mogħtija lil Stat Membru individwali fuq talba tiegħu stess. Din hija pprovduta għal perjodu limitat. Ir-rata tat-taxxa li se tapplika se tkun ugwali għal-livell minimu ta' tassazzjoni stabbilit mid-Direttiva dwar it-Tassazzjoni fuq l-Enerġija. Il-miżura tista' tiġi evalwata f'każ li jintalab tiġdid wara li l-perjodu ta' validità jkun skada.

- **Dokumenti ta' spjegazzjoni (għad-Direttivi)**

Il-proposta ma għandhiex bżonn dokumenti ta' spjegazzjoni dwar it-traspożizzjoni.

- **Spjegazzjoni fid-dettall tad-dispożizzjonijiet speċifiċi tal-proposta**

L-Artikolu 1 jistipula li l-Italja se titħalla tapplika rata ta' tassazzjoni mnaqqsa għall-elettriku fornut direttament lill-bastimenti, minbarra lil dgħajjes għall-użu privat jew għal divertiment, irmiġġati fil-portijiet Taljani ("elettriku mix-xatt"). Ir-rata tat-taxxa ma għandhiex tkun inqas minn EUR 0,50 għal kull MWh, jiġifieri l-livell minimu ta' tassazzjoni għall-elettriku għall-użu kummerċjali kif stipulat fid-Direttiva. Mhux se jkun possibbli li jiġi fornut elettriku b'rata mnaqqsa għad-dgħajjes għall-użu privat jew għad-divertiment, kif stipulat fl-Artikolu 14(1)(c), it-tieni subparagrafu tad-Direttiva 2003/96/KE.

L-Artikolu 2 jistipula li l-awtorizzazzjoni mitluba tingħata għal 6 snin, mill-18 ta' Ottubru 2021 sal-17 ta' Ottubru 2027, li huwa l-perjodu massimu permess mid-Direttiva.

2021/0324 (NLE)

Proposta għal

# DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL

## li tawtorizza lill-Italja tapplika rata mnaqqsa ta' tassazzjoni fuq l-elettriku pprovdut direttament lil bastimenti, appart mill-opri tal-baħar għar-rikreazzjoni, rmiġġati f'port [skont l-Artikolu 19 tad-Direttiva 2003/96/KE]

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra d-Direttiva tal-Kunsill 2003/96/KE tas-27 ta' Ottubru 2003 li tirriforma l-istruttura tal-Komunità dwar tassazzjoni fuq prodotti ta' enerġija u elettriku[1], u b'mod partikolari l-Artikolu 19 tagħha,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) Permezz ta' ittra datata l-14 ta' Settembru 2020, l-Italja talbet awtorizzazzjoni biex tapplika rata mnaqqsa ta' tassazzjoni fuq l-elettriku pprovdut direttament lill-bastimenti marittimi u tal-passaġġi fuq l-ilma interni, irmiġġati f'port ("elettriku mix-xatt") skont l-Artikolu 19 tad-Direttiva 2003/96/KE. Permezz tal-ittra tat-12 ta' Mejju 2021, l-Italja pprovdiet informazzjoni addizzjonali.

(2) Permezz tar-rata mnaqqsa ta' tassazzjoni, l-Italja għandha l-għan li tippromwovi l-użu tal-elettriku mill-art, li huwa meqjus bħala mod li jagħmel inqas ħsara lill-ambjent biex jiġu ssodisfati l-ħtiġijiet tal-elettriku tal-bastimenti rmiġġati f'port milli l-ħruq ta' karburanti tal-bunker minn bastimenti bħal dawn.

(3) Sa fejn l-użu tal-elettriku mill-art jevita l-emissjonijiet ta' sustanzi li jniġġsu l-arja li joriġinaw mill-ħruq ta' karburanti tal-bastimenti minn bastimenti li jkunu rmiġġati f'port, dan itejjeb il-kwalità tal-arja lokali fl-ibliet portwali. Għalhekk, il-miżura mistennija li tikkontribwixxi għall-objettivi tal-Unjoni ta' politiki ambjentali, tas-saħħa u tal-klima.

(4) Li jingħata permess lill-Italja biex tapplika rata mnaqqsa ta' tassazzjoni fuq l-elettriku mix-xatt ma jmurx lil hinn minn dak li hu meħtieġ sabiex jiżdied l-użu ta' tali elettriku, peress li fil-maġġoranza tal-każijiet, l-iġġenerar tal-elettriku abbord ser jibqa' l-alternattiva l-aktar kompetittiva. Għall-istess raġuni, u minħabba li bħalissa l-penetrazzjoni tat-teknoloġija fis-suq hija relattivament baxxa, il-miżura mhux probabbli li se twassal għal distorsjonijiet sinifikanti fil-kompetizzjoni matul il-ħajja tagħha u għalhekk mhux se jkollha effett negattiv fuq il-funzjonament xieraq tas-suq intern.

(5) Sabiex l-operaturi tal-portijiet u tal-bastimenti, kif ukoll id-distributuri u r-ridistributuri tal-elettriku jkunu jistgħu jkomplu jippromwovu l-użu tal-elettriku mill-art, huwa xieraq li l-Italja tiġi awtorizzata tapplika rata mnaqqsa ta' tassazzjoni għal dak it-tip ta' elettriku.

---

[1] ĠU L 283, 31.10.2003, p. 51.

(6) F'konformità mal-Artikolu 19(2) tad-Direttiva 2003/96/KE, kull awtorizzazzjoni mogħtija skont dan l-Artikolu jeħtieġ li jkollha żmien strettament limitat. Sabiex jiġi żgurat li l-perjodu tal-awtorizzazzjoni jkun twil biżżejjed sabiex l-operaturi ekonomiċi rilevanti ma jiġux skoraġġuti milli jagħmlu l-investimenti meħtieġa, huwa xieraq li l-awtorizzazzjoni tingħata għal sitt snin mit-18 ta' Ottubru 2021. Madankollu, l-awtorizzazzjoni jenħtieġ li tieqaf tapplika mid-data tal-applikazzjoni ta' kwalunkwe dispożizzjoni ġenerali dwar il-benefiċċji fuq it-taxxa għall-elettriku mix-xatt adottata mill-Kunsill skont l-Artikolu 113 jew ta' kwalunkwe dispożizzjoni rilevanti oħra tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, jekk tali dispożizzjonijiet isiru applikabbli qabel id-data tat-tmiem tal-applikazzjoni tal-awtorizzazzjoni mitluba.

(7) Din id-Deċiżjoni hija mingħajr preġudizzju għall-applikazzjoni tar-regoli tal-Unjoni dwar l-għajnuna mill-Istat,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

L-Italja hija awtorizzata tapplika rata mnaqqsa ta' tassazzjoni fuq l-elettriku fornut direttament lill-bastimenti, għajr dgħajjes għall-użu privat jew għal divertiment, irmiġġati f'port ("elettriku mix-xatt"), dment li jitħarsu l-livelli minimi ta' tassazzjoni msemmija fl-Artikolu 10 tad-Direttiva 2003/96/KE.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tapplika mit-18 Ottubru 2021 sas-17 ta' Ottubru 2027.

Madankollu, jekk il-Kunsill, filwaqt li jaġixxi fuq il-bażi tal-Artikolu 113 jew fuq kwalunkwe dispożizzjoni oħra rilevanti tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, jipprevedi regoli ġenerali dwar il-benefiċċji fuq it-taxxa għall-elettriku mix-xatt, din id-Deċiżjoni għandha tieqaf tapplika fil-jum li fih isiru applikabbli dawn ir-regoli ġenerali.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Repubblika Taljana.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill*
*Il-President*